MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 102/1992/1

**John Micallef**

**vs**

**Carmelo *sive* Charles Muscat u b’digriet tat-22 ta’ Jannar 1998 l-atti gew trasfuzi f’isem Noel Muscat wara l-mewt tal-istess Carmelo *sive* Charles Muscat, u b’digriet tad-4 ta’ Marzu 1998 l-atti gew trasfuzi ukoll f’isem Rita Muscat bhala armla tal-konvenut Carmelo *sive* Charles Muscat, Sylvia mart Mario Puglisevich u Jacqueline mart Gino Grech *stante* li huma wkoll werrieta tal-mejjet Carmelo *sive* Charles Muscat.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 7 ta' Awwissu 1991 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversment presjeduta fejn gie premess:-

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Sammut tat-30 ta' April 1968 (Dok. "A") il-konvenut biegh u ittrasferixxa lill-istanti l-arja tad-dar li ggib l-isem 'Rita House', l-arja tat-terran li jgib l-isem 'Sylvia', l-arja ta' *garage* u entratura bl-arja libera taghha kollha minghajr numri u kollha kontigwi f'Church Street, San Giljan kif soggetti flimkien ghar-rata taghhom ta' cens perpetwu ta' Lm12.50,0 fis-sena.

Illi fost kondizzjonijiet ohra l-konvenut fl-imsemmi kuntratt kien obbliga ruhu li jitrasferixxi u jbiegh lill-istanti entratura mill-imsemmi terran Sylvia tal-istess daqs u minflok l-entratura imsemmija.

Illi b'ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru 1981 il-konvenut, interpellat sabiex fi zmien gimgha jaddivjeni ghall-kuntratt opportun ta' trasferiment tal-entratura imsemmija u imwissi fuq id-danni li l-istanti kien qedt isofri minhabba u fil-kas ta' inadempjenza tieghu, baqa' ma resaqx ghall-kuntratt relativ Dok. "B".

Illi l-istanti fl-4 ta' Dicembru 1981 harrek lill-konvenut quddiem din il-Qorti biex jigi imgieghel jittrasferixxi l-entratura fuq imsemmija.

Illi b'sentenza moghtija fil-21 ta' Frar 1990 l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru 1986 fil-kawza Citaz. Nru. 1328/81 fl-ismijiet **John Micallef vs Carmelo *sive* Charles Muscat** ordnat lill-konvenut jersaq fuq il-kuntratt opportun ta' trasferiment tal-entratura imsemmija favur l-istanti Dok. "C".

Illi l-kuntratt ta' trasferiment ordnat mill-Qorti tal-Appell fil-fatt gie ppublikat minn Nutar Dottor Anthony Gatt fil-31 ta' Mejju 1990 Dok. "D".

Illi n-nuqqas tal-konvenut ipprekluda lll-istanti milli jizviluppa u ilesti l-proprjeta` tieghu fuq imsemmija ghal

perjodu ta' tmien snin u 259 gurnata a bazi tal-perijodu mill-15 ta' Settembru 1981 sal-31 ta' Mejju 1990 li bhala konsegwenza l-istanti sofra danni konsistenti f'telf ta' kera li l-proprjeta` kienet tippercepixxi kif ukoll spejjes zejda li l-istanti jkollu jbati biex ilesti l-istess proprjeta` *stante* d-differenza ta prezzijiet ta' kostruzzjoni u prezzijiet ohra.

Illi l-istanti tul il-perjodu fuq imsemmi telf ta' kera fl-ammont ta' Lm43,896.00,0 cioe` ghal tmien snin u mitejn u disgha u hamsin gurnata bir-rata ta' Lm5,040.00, fis-sena kif jirrizulta u spjegat ahjar mill-annessa stima tal-Arkitett u Inginier Civili Godwin Aquilina Dok "E".

Illi l-istanti wkoll tul l-istess perjodu sofra danni ammontanti ghal Lm9,710.00,0 spejjes zejda fit-tlestija tal-istess proprjeta` kif jirrizulta u spjegat ahjar fl-annessa stima tal-istess Arkitett Dok "F".

Illi dawn il-figuri huma kalkoli li saru mill-perit tal-attur u l-konvenut gie nformat bihom u qeghdin jigu annessi bhala gwida.

Illi l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur kif fuq spjegat ghas-smien ta' 8 snin u 259 gurnata minhabba inadempjenza da parti tieghu tal-obbligi kontrattwali tieghu lejn l-attur skont il-kuntratt Dok "A" fuq imsemmi u kif gie misjub bis-sentenza fuq dikjarata.

Illi l-konvenut interpellat ufficejalment biex jaddivjeni ghall-likwidazzjoni u eventwali pagament tal-imsemmija danni baqa ma wegibx u ma hallas xejn.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi huwa responsabbli versu l-attur ghad-danni sofferti mill-istess attur minhabba nuqqas ta' uzu u ricezjoni tal-kera ghal zmien 8 snin u 259 gurnata u ziediet fl-ispejjes li graw minn dak iz-zmien 'il hawn minhabba d-dewmien ingustifikat tal-konvenut li jittrasferixxi lill-attur l-entratura mill-fond Sylvia f'Church Street San Giljan ghall-arja sovrastanti kif kien obbliga

ruhu li jaghmel bil-kuntratt Dok “A” u dana bi ksur tal-obbligu kontrattwali tieghu lejn l-attur skont il-kuntratt Dok “A” u kif gie misjub bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Dok “C”.

2. Tillikwida l-istess danni sofferti mill-attur minhabba r-ragunijiet premessi, u

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri ufficjali tat-23 ta’ Ottubru 1990 u tal-4 ta’ Gunju 1991 kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa fol 42 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-28 ta’ Novembru 1991.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 2 ta’ Ottubru 1991 a fol. 46 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Preliminarjament, illi din l-Onorabbli Qorti hija nkompetenti *ratione matariae* u l-eccipjent lanqas huwa kummercjant.

2. Preliminarjament ukoll illi c-citazzjoni odjerna hija nulla *stante* li l-att tac-citazzjoni nnifsu minflok fih tifsira car tal-oggett u raguni tat-talba fih spjegazzjoni dettaljata tal-fatti li semmai kellha ssir fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni u dan *a tenur* tal-**artikolu *156* tal-kapitolu 12 tal-ligijiet**.

3. Preliminarjament illi l-azzjoni odjerna hija inammissibbli u intempestiva *stante* li l-attur ghadu ma hallasx l-ispejjez tal-kawsa *deciza* mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-21 ta’ Frar 1990.

4. Preliminarjament dejjem l-ewwel talba hila nulla *stante* li hija konfusa u mhux car jekk id-danni pretizi humiex *ex contractu* jew *ex delicto.*

5. Preliminarjament ukoll l-ewwel talba hija konfuza stante li fid-dritt tista' tintalab biss responsabbilta` ghal xi obligazzjoni - contrattwali ossia delittwali - imma qatt "responsabbilta' ghad-danni".

6. Preliminarjament l-irritwalita` u inamissibbilta` tal-elenku tad-dokumenti esibiti u tal-lista tax-xhieda *stante* li dawn huma atti gudizzjarji li l-ligi tistipula mandatorjament li jkollhorn l-indikazzjoni tal-Qorti u tal-okkju - liema indikazzjoni ma saretx f'dan il-kaz;

7. Preliminarjament ukoll l-irritwalita u l-inammissibbilta' tan-nota tax-xhieda tal-attur *stante* li din ma fihiex l-indikazzjoni tal-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

8. IIli, subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talbiet tal-attur huma estinti bil-preskrizzjoni;

9. IIli, subordinatament u minghajr pregudizzju, mhux minnu li l-attur soffra xi danni;

10. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, jekk l-attur soffra danni dawn ma kienux imputabbli lill-eccipjent *stante* li l-istess konvenut agixxa *in bouna fede*;

11. Illi, subordinatement u minghajr pregudizzju, jekk l-attur soffra danni ma jezisti l-ebda ness kawzali bejn id-danni u l-agir tal-konvenut;

12. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, jekk l-attur soffra danni dan ghandu jsoffrihom huwa *stante* li matul il-perijodu ta' tmien snin u 259 gurnata l-attur dejjem kellhu l-access l-antik li setgha juza biex jinnegozja l-istess bini;

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 48 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Joseph A Filletti fejn fis-6 ta' Dicembru 1991 id-difensuri trattaw l-ewwel eccezzjoni. Il-kawza giet differita ghas-6 ta' Dicembru 1991 ghas-sentenza.

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Joseph A Filletti moghtija fis-16 ta' Dicembru 1991 (fol 57) fejn il-Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, u iddikjarat l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materiae* u astejniet milli tiehu konjizzjoni tal-kawza u ordnat li l-atti relattivi jintgbahtu quddiem il-Qorti tal-Appell ghal decizjoni finali, u dan a kariku tal-Registratur u fi zmien sebat ijiem minn din id-decizjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Jannar 1992 quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn dehru l-Avukati tal-partijiet li rrimettew ruhhom ghall-atti proceswali. Il-kawza giet differita ghall-20 ta' Jannar 1992 ghas-sentenza.

Rat id-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 20 ta' Jannar 1992 a fol 68 tal-process.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anton Depasquale tat-3 ta' Frar 1992 fejn appunta l-kawza ghas-smigh ghat-13 ta' Marzu 1992.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 1993 (fol. 77) fejn il-Qorti nnominat lil Dr Carmelo Vassallo assistit minn AIC Joseph Huntingford; u tal-25 ta' Marzu 1993 fejn Dr. C. Vassallo l-Perit Legali talab li jigi sostitwit. Il-Qorti nnominat lil Dr. J R Micallef minfloku bl-istess facilitajiet.

Rat ir-rikors tal-attur datata 7 Ottubru 1994 a fol 92 tal-process fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti joghgobha

tissostitwixxi l-istess Perit Huntigford b'perit iehor; u (2) li ma jigux nominati f'kull kaz il-Perit Gino Refalo u l-Perit Richard Aquilina li diga` kellhom x'jaqsmu fil-kwistjoni bejn il-partijiet; u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Joseph Said Pullicino laqghet it-talba u nnominat bhala Perit addizjonali lill-AIC Rene` Buttigieg.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Said Pullicino.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-6 ta' Frar 1996 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Gino Camilleri (fol 116) fejn il-kawza giet differita sabiex tinstema' minn din il-Qorti diversament presjeduta u ghar-relazzjoni.

Rat ir-rikors ta' John Micallef datat 19 ta' Dicembru 1997 a fol 135 tal-process fejn ir-rikorrenti talab illi l-kawza fl-ismijiet premessi tghaddi fil-persuna tal-istess Noel Muscat *a tenur* tal-**artikolu 807 tal-Kondici ta' Procedura Civili**; u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo, bid-digriet moghti fit-22 ta' Jannar 1998 laqghet it-talba u ordnat it-trasfuzzjoni mitluba skont l-**artikolu 807** (fol 136).

Rat ir-rikors ta' Rita armla minn Carmelo *sive* Charles Muscat, Sylvia mart Mario Puglesevich u Jacqueline mart Gino Grech datat 23 ta' Frar 1998 a fol 138 tal-process fejn l-esponenti talbu lill-Qorti joghgobha tordna li t-trasfuzjoni tal-gudizzju jghaddu wkoll fuqhom; u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo laqghet it-talba u ordnat it-trasfuzjoni kif mitluba, u dan kif jidher bid-digriet moghti fl-4 ta' Marzu 1998 (fol 139).

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn fis-seduta tad-19 ta' April 1999 il-kawza giet differtia ghall-provvediment.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Gunju 1999 mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-

Onorevoli Mhallef David Scicluna fejn il-kawza giet differita quddiem il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Settembru 1999 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn inghata provvediment (fol 160); u l-verbal tas-seduta tal-5 Dicembru 2000 fejn il-Qorti issosstitwiet lill-Perit Dr Joseph Micallef peress li gie elevat ghal gudikatura, u nkarigat minfloku lil Dr. Joseph Buttigieg bl-istess inkarigu moghti lilu.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Joseph M Buttigieg u l-Perit Tekniku l-AIC Rene` Buttigieg flimkien mal-verbali tas-seduti mizmuma, ix-xhieda quddiemhom prodotta u d-dokumenti kollha pprezentati, l-istess rapport gie pprezentat fir-registru fit-28 ta' Lulju 2003 (fol 198) u mahluf fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2003.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2004 il-Qorti laqghet it-talba ghan-nomina ta' periti perizjuri u nnomnat bi qbil mal-partijiet lill-Perit Joseph Borg Costanzi, Valerio Schembri u Dr. Anthony Ellul bhala periti addizzjonali a spejjez provizorji tal-attur.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti datata 23 ta' Novembru 2005 a fol 330 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur datata 8 ta' Novembru 2005 a fol 338 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-8 ta' Frar 2007 minhabba li Dr. Anthony Ellul gie elevat ghall-Magistratura l-Qorti ssostitwiet lill-istess bhala Perit Legali b'Dr. Veronica Galea Debono; u l-verbal tad-9 ta' Frar 2010 fejn id-difensuri qablu li jigi sostitwit il-Perit Tekniku u jigi sostitwit b'Perit Legali. Il-Qorti laqghet it-talba. Il-Qorti ssostitwiet lill-Perit Joseph Borg Costanzi b'Dr. Ramona Frendo.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Perizjuri Dr. Veronica Galea Debono, Dr. Ramona Frendo, u l-Perit Valerio Schembri flimkien mal-verbali tas-seduti mizmuma u d-dokument hemm pprezentati a fol 373 *et sequitur* tal-process; l-istess rapport gie pprezentat fir-registru u mahluf fis-seduta tat-12 ta’ Jannar 2011.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur datata 15 ta’ Marzu 2011 a fol 439 tal-porcess.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-17 ta’ Marzu 2011 meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Dominic Cassar ghall-konvenut, u Dr. Veronica Galea Debono u Dr Ramona Frendo bhala Periti Perizzjuri. Dr. Cassar iddikjara li m’ghandux domandi x’ jaghmel in eskussjoni. Il-Qorti tat erbghin (40) gurnata zmien sabiex Dr. Cassar jipprezenta nota responsiva ghal dik attrici, li ga gie notifikat biha. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti sejra titratta l-eccezzjonijiet preliminari numru tnejn, hamsa, sitta u s-sebgha sollevati mill-konvenut, huma kollha eccezzjonijiet li jirrigwardaw in-nullita` o meno tac-citazzjoni, kemm minhabba li allegatament ma gewx segwiti l-formalitajiet mehtiega, kif ukoll minhabba xi allegat nuqqas jew nuqqas ta’ kjarezza fil-premessi u talbiet tac-citazzjoni.

Illi fit-tieni eccezzjoni tal-konvenut qed jinghad li c-citazzjoni hija nulla ghaliex ma ghandhiex tifsira cara ta' l-oggett u raguni tat-talba, u fiha spjegazzjoni dettaljata tal-fatti li semmai kellha ssir fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni u dan a tenur ta' l-**artikolu 156** tal-**Kapitolu 12** tal-**Ligijiet**.

Illi l-hames eccezzjoni hija fis-sens li l-ewwel talba hija konfuza stante li fid-dritt tista' tintalab biss responsabbilta` ghal xi obligazzjoni – kontrattwali ossia delittwali – imma qatt 'responsabbilita` ghad-danni.

Illi s-sitt eccezzjoni teccepixxi l-allegat irritwalita` u inammissibilita` ta' l-Elenku tad-Dokumenti esibiti u tal-Lista tax-Xiehda stante li dawn huma atti gudizzjarji li l-Ligi tistipula mandatorjament li jkollhom l-indikazzjoni tal-Qorti u ta' l-okkju – liema indikazzjoni ma saritx f'dan il-kaz.

Illi s-seba' eccezzjoni hija fis-sens li qed isostni allegata *irritwalita` u l-inammissibilita` tan-Nota tax-Xiehda ta' l-attur stante li din ma fihiex l-indikazzjoni tal-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.*

Illi fejn ikun hemm eccezzjonijiet ta' nullita` bhal dawk li gew sollevati fil-kawza odjerna, wiehed ghandu jezamina jekk verament dawn l-eccezzjonijiet fis-sustanza taghhom iwasslux ghan-nullita` *o meno*. Fil-fatt, l-emendi li saru fil-**Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** fl-1995 kienu intizi, *inter alia,* proprju sabiex jigu evitati dawn it-tip ta' eccezzjonijiet.

Illi apparti li llum jigu accettati diversi tipi ta' korrezzjonijiet fl-atti, huwa fatt ben risaput illi l-att promotorju preferibbilment ghandu jissalva u m'ghandux jitwaqqa' hlief ghal ragunijiet gravi. Hekk fis-sentenza minnha moghtija fit-30 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet **"Michael Micallef vs Louis Mamo et"** dina l-Onorabbli Qorti qalet testwalment hekk:-

*"L-Artikolu 156(1) tal-Kap.12 jipprovdi li c-citazzjoni (illum ir-rikors mahluf) ghandu jkun fiha:*

*(a) tifsir car u sewwa ta' l-oggetti u r-raguni tat-talba; u*

*(b) it-talba u t-talbiet.*

*"Din id-disposizzjoni tal-ligi nghatat fil-gurisprudenza interpretazzjoni wiesgha fis-sens li ma gietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi. Hekk fis-sentenza 'Moore noe vs Falzon et' (Prim'Awla tal-Qorti Civili PA/AM, 15 ta' Dicembru 1995) kien deciz li – 'ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista' tkun anki dedotta mid-domanda (Kolezz. XXXIV.I.501, XXIX.I.143 u XXXII.I.228)".*

*"Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza 'Bonnici vs Zammit noe' deciza fl-20 ta' Jannar 1986 fejn it-tifsira ta' l-Artikolu 156(1) kienet spjegata hekk – 'Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parti ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta' l-Artikolu 155 (1) (illum 156 (1) tal-Kap. 12) u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata".*

"*Il-prassi segwita mill-Qrati taghna, anke a bazi ta' l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluz l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 hija li 'formalizmu ezagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh' ('Fino vs Fabri noe' – Qorti tal-Appell – 28 ta' Frar 1997) u konsegwentement 'l-atti ghandhom jigu salvati anziche annullati jew dikjarati nulli' ('Ellul vs Coleiro' – Qorti tal-Appell – 24 ta' Jannar 1994).*"

Illi fid-dawl ta’ dan kollu, l-Qorti hija tal-fehma li l-ebda wahda mir-ragunijiet moghtija fl-eccezzjonijiet fuq imsemmija m’ghandha twassal ghan-nullita` tac-citazzjoni odjerna. Dan principalment peress li l-ebda wiehed mill-izballi jew nuqqasijiet – formali jew sostanzjali - imsemmija fl-eccezzjonijiet, ma ppregudikaw b’xi mod lill-konvenut fis-sens li ma setax jiddefendi lilu nnifsu, u l-ebda wiehed minnhom ma jikkostitwixxi raguni gravi li ghandha twassal ghan-nullita`.

Illi dawn il-principji gew ukoll applikati minn din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **Patrick Staines et vs Paul Tabone”** (P.A. (RCP) – 30 ta’ Novembru 2001); **“Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava et**” (P.A. (RCP) – 28 ta’ Ottubru 1998) u dik fl-ismijiet **“Perit Vincent Cassar noe et vs Nicholas sive Lino Debono et”** – (P.A. (RCP_ – 22 ta’ Marzu 2000), u dan hekk ghandu jkun jekk verament irridu li kull cittadin jkollu access lejn il-Qorti biex jiehu l-gustizzja reali li jixraqlu. B’hekk dawn l-eccezzjonijiet kollha hawn indikati qed jigu michuda.

Illi t-tielet eccezzjoni tghid li l-azzjoni odjerna hija inammissibbli u intempestiva stante li l-attur ghadu ma hallasx l-ispejjez tal-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-21 ta’ Frar 1990.

Illi mill-atti proceswali jirrizulta illi l-konvenut ma pproduca l-ebda prova kwalsiasi in sostenn ta’ din l-eccezzjoni, li donnha giet injorata ghal kollox mill-partijiet. Ghalhekk fin-nuqqas ta’ tali prova li, se mai, kellha ssir mill-konvenut, din l-eccezzjoni wkoll qed tigi michuda.

Illi fir-raba’ eccezzjoni tieghu l-konvenut sostna li l-ewwel talba hija nulla stante li hija konfuza u mhux car jekk id-danni pretizi humiex *ex contractu* jew *ex delicto*. Hawn issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **“Vella vs Cefai”** (A.C. - 4 ta’ Novembru 1991 – Vol. LXXV.II.467) fejn inghad mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell li meta c-citazzjoni ma jkunx fiha tifsir car u sewwa ta’ l-oggett u r-raguni tat-talba, l-eccezzjoni tan-nullita` tac-citazzjoni tista’ tigi milqugha biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun gabet

lill-parti li titlob in-nullita` pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat. Inghad ukoll li f'dawn il-kazijiet, huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista' jkun ghall-pratticita` u sabiex tigi evitata moltiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun iebsa meta tilqa' l-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji. Irriteniet ukoll illi att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi. In-nullita` ta' l-atti gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-Ligi trid li tigi imposta biss meta n-nuqqas fl-att ma jistax assolutament jigi ttollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali.

Illi konsistentement ma' dan fis-sentenza fl-ismijiet **"K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice Limited**" (P.A. (JRM) – 13 ta' Marzu 2003) inghad li fuq l-element ta' kjarezza fl-att tac-citazzjoni li:-

*"… il-ligi ma tinsistix fuq formola preciza jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tiftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawzali tkunx imfissra b'mod xott jew sahansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnfisha… fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet infushom, il-Qrati ghandhom iqisu b'cirkospezzjoni eccezzjoni ta' nullita` ta' att gudizzjarju. Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita`, huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha u li tali tifsira ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba ta' l-attur…"*.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami l-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda konfuzjoni jew nuqqas ta' kjarezza fl-istess att dwar jekk id-danni reklamati humiex *ex contractu* jew *ex delictu*, ghaliex huwa car illi qieghdin jigu reklamati danni *ex contractu.* Ghalhekk il-konvenut ma seta' soffra l-ebda pregudizzju meta gie biex jiddefendi lilu nnifsu. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi wkoll michuda.

Illi t-tmien eccezzjoni tal-konvenut huwa qed jeccepixxa li t-talbiet huma preskritti, izda ma indikax ghal liema

artikolu qed jirreferi u la darba l-posizzjoni legali hija li *"il-Qorti ma tistax ex officio taghti effetti ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata – artikolu 2111 tal-Kodici Civili - u m'ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara kienx applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx giet indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha*" (Vol XXXIII pI p481; Vol XXIV pI p410; Vol XL pI p170; **"Francis Bugeja nomine vs Indria Mercieca"** A. C. - 29 ta' Mejju 2000), u ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi l-eccezjonijiet fil-mertu huma dawk enumerati disgha, ghaxra, hdax u tnax Fedn il-konvenut qed jeccepixxi li (a) l-attur ma soffra l-ebda danni; (b) li fi kwalunkwe kaz huwa dejjem agixxa *in buona fede* u kwindi ma jahti ghall-ebda dannu illi seta' sofra l-attur; (c) li ma hemm l-ebda ness kawzali bejn l-agir tal-konvenut u kwalunkwe dannu illi seta' soffra l-attur; (d) li jekk l-attur soffra xi danni, dawn ghandu jbatihom huwa stess peress illi matul iz-zmien kollu tal-vertenza bejn il-partijiet, huwa dejjem kellu l-access antik illi seta' jintuza sabiex jinnegozja l-istess bini.

Illi sabiex tigi kkunsidrara din l-ahhar eccezzjoni jrid jigu ezaminata l-provi prodotti u li huma li fit-30 ta' April 1968, sar kuntratt (Dok. "A") bejn l-attur u l-awtur tal-konvenuti prezenti, fejn l-attur akkwista proprjeta` gewwa Church Street, San Giljan. Wahda mill-kundizzjonijiet kienet illi l-istess konvenut illum defunt Carmelo Muscat kellu jghaddi lill-attur, entratura ta' <u>l-istess daqs</u> minn fond bl-isem "Sylvia" fl-istess triq, minflok dik originarjament akkwistata mill-attur (mill-fond bl-isem "Rita"). Il-kuntratt ma kien jistipula ebda terminu sabiex dan isir.

Illi l-attur interpella lill konvenut Carmelo Muscat, permezz ta' ittra ufficjali datata 15 ta' Settembru 1981, sabiex jersaq ghall-kuntratt ta' tpartit, u wissieh illi kien qed isoffri danni minhabba l-inadempjenza tieghu (Dok. "B"), izda l-kuntratt baqa' ma sarx. Konsegwentement kienet saret kawza fl-ismijiet **"John Micallef vs Carmelo sive Charles Muscat"** (Citaz. Nru. 1328/1981) illi giet definittivament deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Frar 1990 (Dok C), fejn il-konvenut gie ordnat illi

jersaq fuq il-kuntratt opportun ta’ trasferiment ta’ l-entratura msemmija favur l-attur.

Illi l-kuntratt ta’ trasferiment kif ordnat mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell gie ppubblikat fil-31 ta’ Mejju 1990 (Dok. “D”) u sussegwentement fis-7 ta’ Awissu 1991, l-attur intavola l-proceduri odjerni fejn qieghed jirreklama d-danni allegatament minnu sofferti bhala rizultat tad-dewmien ta’ tmien snin u 259 gurnata bejn il-15 ta’ Settembru 1981 meta saret l-ittra ufficjali interpellatorja (Dok. “B”) u l-31 ta’ Mejju 1990) sabiex sar il-kuntratt ta’ tpartit imsemmi.

Illi d-danni li qed jirreklami l-attur espressament fic-citazzjoni attrici huma s-segwenti:-

(a) f’telf ta’ kera illi l-attur seta’ jippercepixxi mill-proprjeta` matul il-perijodu msemmi;

(b) spejjez zejda sabiex titlesta l-proprjeta` stante d-differenza ta’ prezzijiet ta’ kostruzzjoni u prezzijiet ohra bejn l-1981 meta saret l-imsemmija interpellazzjoni u l-1990 meta sar it-tpartit.

Illi l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Muscat f’dan ir-rigward kienu pjuttost generici, mill-atti prezentati mill-konvenut (ara affidavit tal-konvenut datat 11 ta’ Settembru 1995; affidavit tal-P.L. Mario Mifsud Bonnici datat 21 ta’ Novembru 1996; u min-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti datata fit-23 ta’ Novembru 2005) jirrizulta illi l-kontestazzjoni tal-konvenuti hija essenzjalment dik ta’ *imputet sibi*.

Illi Fil-fatt, il-linji difensjonali tal-konvenuti huma s-segwenti:-

a. Il-kuntratt ta’ l-1968 ma kienx jistipula terminu dwar meta kellha tigi adempita l-obbligazzjoni tat-tpartit ta’ l-entraturi u kien ghalhekk illi l-attur kellu jadixxi lill-Qorti kompetenti sabiex din stabbiliet terminu ghal dan il-ghan;

b. Il-kuntratt ta’ tpartit ma setax isir fl-1981 ghaliex l-attur dejjem ippretenda entratura akbar minn dik

originarjament minnu mixtrija, meta l-kuntratt ta' l-1968 kien jipprovdi illi din kellha tkun entratura ta' l-istess daqs. Il-konvenuti jinsistu illi l-attur baqa' sahansitra jippersisti illi jrid entratura akbar anke meta acceda fuq il-post il-Perit Tekniku Mikelangelo Refalo nominat minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta ai termini tas-sentenza tal-21 ta' Frar 1990;

c. Matul il-perjodu kollu ta' l-ewwel kawza, l-attur dejjem kellu l-entratura originali li seta' juza biex jutilizza l-blokk ta' bini tieghu, u jekk naqas milli jaghmel dan, u b'hekk soffra xi danni, kellu jbati dawn l-ispejjez l-attur stess;

d. L-attur qatt ma lesta l-blokk ta' *flats* in kwistjoni illi kienu ghadhom fi stat ta' gebel u saqaf fl-ewwel access mizmum mill-Perit Rene Buttigieg fil-21 ta' Lulju 1995, u ghalhekk certament ma setax jikri l-istess *flats* u lanqas seta' jirreklama d-differenza fil-prezzijiet ghat-tkomplija tax-xogholijiet.

Issa, mill-atti jirrizulta illi: -

i. F'xi zmien qabel inbdiet l-ewwel kawza bejn il-kontendenti, ossia fl-1981, l-attur kellu l-blokk kollu lest fi stat gebel u saqaf, u kellu wkoll parti mit-tarag lest fl-entratura l-antika li originarjament kien akkwista minghand il-konvenut fl-1968. Waqqa' dik il-parti tat-tarag li kien hemm fl-entratura originali tieghu, u talab lill-konvenut sabiex jersaq ghall-kuntratt ta' tpartit. Il-konvenut irrifjuta u l-attur ipproceda b'din l-ewwel kawza ta' l-1981;

ii. Fil-mori ta' dik il-kawza, l-attur waqaf mix-xogholijiet fuq il-blokk u ma kompliex ilesti l-*flats* – u dan l-istat ta' fatt baqa' mhux biss sakemm spiccat dik il-kawza izda sahansitra sa l-1996 meta l-attur innifsu xehed fis-seduta tad-19 ta' Frar 1996: *"... Jiena m'ghamilt l-ebda zviluppi fil-post minn mindu nghatajt l-access peress li ghandi progetti ohra li qed naghtihom priorita`..."*. Dan jinsab ikkoroborrat mix-xhieda tal-P.L. Mario Mifsud Bonnici fl-affidavit tieghu datat 21 ta' Novembru 1996.

iii. L-attur baqa' qatt ma kien kuntent bl-access illi huwa nghata skond il-kuntratt ta' tpartit ta' l-1990, tant illi fix-xhieda tieghu tad-19 ta' Frar 1996 ammetta illi: *"... Jien kull ma ridt minghand il-konvenut, anke wara l-kuntratt li sar ghand in-Nutar Gatt* (Dok. "D"), *u meta kelli l-bennej jahdem, kien zewg piedi fl-arja tal-garaxx wara l-entratura u, bi bdil, kont lest li naghtih l-ispazju tas-sottoscala*";

iv. L-attur anke baqa' jinsisti dwar dan il-fatt fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu in linea ta' kritika ghar-rapport tal-Periti Gudizzjarji originali fejn ilmenta: -

"*B'rizultat tal-kuntratt ta' permuta l-attur inghata l-entratura alternattiva u cioe` dik mill-bieb li igib in-numru "24". Meta wiehed jezamina din l-entratura jasal ghall-konkluzjoni univoka li l-attur ma nghatax, **mill-konvenut**, spazju bizzejjed, kif suppost kellu jkun skond l-access originali fin-numru "23" u skond il-pjanti tal-permessi hawn appena riportati sabiex seta' jsir tarag komdu ghall-flats sovrastanti ta' l-attur. Bizzejjed jinghad li mill-entratura l-gdida lanqas ma seta' jsir bieb li jinfetah, mhux bil-kumdita` jew ixxamplat, izda li tghaddi persuna, imqar ta' daqs normali. Infatti l-attur wahhal bieb li jdur fuqu nnifsu u inoltre pogga zewg turgien fuq barra fit-triq, kontra kull ligi, biex forsi johloq entratura ghall-appartamenti tieghu.*

*"Irrizulta li l-appartamenti kienu lesti minn kollox, bhala kostruzzjoni u finishes izda ma setghux jintuzaw ghax ma kellhomx entratura ghalihom li tippermetti nies normali, mhux hoxnin, izda normali, li jghaddu mill-imsemmi bieb.*

*Omissis*

*"L-attur kien fl-impossibilita` li jutilizza l-appartamenti in kwistjoni kemm qabel ma sar il-kuntratt ta' tpartit kif ukoll wara li sar l-imsemmi kuntratt ta' permuta u ghadu fl-impossibilita` li juzahom sal-gurnata tal-lum."* (Enfasi fl-original)

Illi dan jikkonferma u jaghti aditu ghall-linji difensjonali tal-konvenuti kif ga` indikati precedentement. Din il-Qorti taqbel ukoll mal-konsiderazzjonijiet tal-Periti Perizjuri li irrilevaw li:-

*"jekk verament l-attur, wara l-kuntratt ta' tpartit, spicca b'entratura insufficjenti u inaccettabbli, dan il-fatt ma jistax jigi imputat lill-konvenut Carmelo Muscat, izda jew: -*

*(a) lill-attur innifsu illi ma hax konsiderazzjoni ta' l-area minnu mehtiega meta kkuntratta fl-1968 u f'dan ir-rigward ghandhom japplikaw il-principju pacta sunt servanda u imputet sibi; jew semmai*

*lill-Perit Tekniku Mikelangelo Refalo jekk dawn in-nuqqasijiet lamentati mill-attur jirrizultaw mill-konfigurazzjoni ta' l-entratura kif esegwita mill-istess Perit Tekniku".*

Illi fil-fatt fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur stess datata 8 ta' Novembru 2005, inghad illi: - "*Huwa veru illi meta in esekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, l-entratura mill-fond SYLVIA giet miftuha ghall-fondi sovrastanti ta' l-esponenti, l-esponenti kien ilmenta li l-entratura kif esegwita mill-Perit Mikelangelo Refalo ma kienetx komda bizzejjed"* (fol. 340), ghalkemm l-attur ikompli jinsisti illi dan ma jfissirx illi huwa kien qieghed jippretendi entratura akbar sa minn qabel l-ewwel kawza, izda certament dan ma huwiex dovut ghan-nuqqas tal-awtur tal-konvenuti odjerni, illi lejh huma diretti l-proceduri odjerni, illi bl-ebda mod ma jahti ghal dawn ic-cirkostanzi appena msemmija.

Illi l-attur jinsisti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li din il-lanjanza tieghu dwar l-area jew il-konfigurazzjoni ta' l-entratura lilu akkordata bl-inkarigu tal-Perit Mikelangelo Refalo, irrizultat *ex post facto* wara l-istess inkarigu, u mhix indikazzjoni tal-fatt illi huwa dejjem kien qieghed jinsisti fuq area akbar minn dik pattwita, kif jallegaw il-konvenuti. Isostni illi d-danni minnu sofferti kienu kagunati mill-awtur tal-konvenuti odjerni li baqa' jirrifjuta li jersaq ghall-kuntratt ta' tpartit minhabba l-pika u r-ras iebsa

ghaliex fl-istess fond illi kellu jigi impartat kien hemm jirrisjedi ibnu u ma riedx johorgu minn hemm.

Illi mill-banda l-ohra, il-konvenuti jinsistu li dan il-fatt ta’ l-inidoneita` ta’ l-entratura, kif lamentat mill-attur, kien il-kawza tad-disgwid bejn il-kontendenti *ab initio*. Il-konvenut illum defunt Carmelo Muscat fl-affidavit minnu pprezentat fil-11 ta’ Settembru 1995, jghid li din kienet l-insistenza originali ta’ l-attur meta f’Gunju 1981 kellmu sabiex isir il-kuntratt ta’ tpartit. Jghid li anke meta, fil-kors ta’ l-ewwel kawza, in prim’istanza, il-kompjant Onorevoli Imhallef Joseph Herrera li kien qed jippresjedi kien zamm access fuq il-post, l-attur kien stqarr illi kellu bzonn aktar fond biex jibni t-tarag, u l-istess Onorevoli Mhallef kien qallu li din il-haga kien messu raha qabel ma xtara. Il-konvenut izid ighid illi l-attur kompla jinsista dwar il-htiega ta’ aktar fond mal-Perit Mikelangelo Refalo meta dan mar ikejjel sa fejn kellha tasal l-entratura mit-terran “Sylvia”, wara illi giet deciza l-ewwel kawza fl-1990.

Illi fin-noti ta’ sottomissjonijiet ipprezentati wara r-relazzjoni tal-periti gudizzjarji originali, inqala’ battibekk bejn il-kontendenti proprju dwar dan il-punt – ossia jekk l-ilment ta’ l-attur illi l-entratura rizultanti hija inadegwata, kienx jezisti sa mill-1981 jew le. Izda l-Qorti thoss li r-rizoluzzjoni ta’ dan il-punt partikolari mhix essenzjali ghad-decizjoni f’dan il-kaz, u dan ghaliex, kif irraguna tajjeb il-Perit Legali Dottor Joseph M. Buttigieg fir-relazzjoni tieghu, il-*crux* ta’ din il-kawza jinsab fl-applikazzjoni ta’ l-obbligu tad-danneggjat illi jimminimizza d-danni – u dan huwa punt illi bl-ebda mod ma jiddependi mill-kwistjoni dwar jekk l-ilment ta’ l-attur dwar l-inidoneita` ta’ l-entratura kienx jezisti *ab initio* jew *ex post facto*.

Illi dan ifisser li nnke jekk biss ghall mument, ghall-grazzja ta’ l-argument, jigi b’xi mod li r-raguni ghaliex ma sarx il-kuntratt ta’ tpartit fl-1981 kienet ir-ras iebsa u l-kapricc ta’ l-awtur tal-konvenuti odjerni, Carmelo Muscat, jibqa’ l-fatt li l-attur kellu l-obbligu li jimminimizza d-danni minnu sofferti bhala rizultat ta’ l-inadempjenza kontrattwali da parti ta’ l-istess defunt konvenut (**APS Bank Limited vs**

**Citadel Insurance et"** - P.A. (RCP) – 10 ta' Ottubru 2006).

Illi l-periti gudizzjarji kollha, kemm dak originali u kemm il-periti perizjuri qabblu perfettament f'dan ir-rigward fis-sens li, l-attur rinfaccjat bis-sitwazzjoni fejn il-kuntratt ta' tpartit ma kienx ser isehh, fl-1981, huwa kellu ghazla – jew illi jlesti l-bini u jutilizza, temporanjament, l-entratura illi kienet disponibbli ghalih, jew illi ma jaghmel xejn u jistenna l-kawza tinqata' kif fil-fatt ghamel. Izda din ix-xelta kienet cirkoskritta mill-obbligu legali tieghu illi jagixxi b'mod illi jimminimizza d-danni.

Illi fin-noti ta' sottomissjonijiet ipprezentati mill-partijiet wara ir-rapport originali wkoll disgwid dwar dan il-punt. L-attur iddikjara illi "*irrizulta li l-appartamenti kienu lesti minn kollox bhala kostruzzjoni u finishing* ". Mill-banda l-ohra l-konvenuti ghamlu referenza ghall-verbal kongunt tal-partijiet illi sar fil-kors tas-seduta mizmuma mill-Periti Gudizzjarji Dottor Joseph M. Buttigieg u l-Perit Rene Buttigieg fl-24 ta' Marzu 2003 fis-sens illi "*meta sar l-access fil-21 ta' Lulju 1995* (rapport originali) *il-post kien ghadu fi stat ta' gebel u saqaf hlief ghal xi xogholijiet li kienu ghadhom mhux kompletati fl-installazzjoni tal-conduit u pipes tal-ilma*". L-attur innifsu xehed fis-seduta tad-19 ta' Frar 1996 illi:-

*"... Jiena m'ghamilt l-ebda zviluppi fil-post minn mindu nghatajt l-access peress li ghandi progetti ohra li qed naghtihom priorita`...".*

Illi dan mhux biss gie kkonfermat mill-P.L. Mario Mifsud Bonnici fl-affidavit tieghu tal-21 ta' Novenmbru 1996 izda effettivament, waqt l-access illi nzamm mill-Periti Teknici Addizzjonali nhar il-31 ta' Mejju 2005, gie stabbilit illi l-proprjetajiet li nzamm l-access fihom kienu ghadhom ma tlestewx kompletament ghal dak li jirrigwarda finituri

Illi issa d-data rilevanti f'dan ir-rigward hija dik tal-31 ta' Mejju 1990, ossia d-data meta sar il-kuntratt ta' tpartit (Dok. "D") u kwindi certament illi l-attur ma setax ikompli jallega illi qieghed isoffri xi danni bi htija tal-konvenuti (illi

kif ga` nghad, bl-ebda mod ma jistghu jahtu ghall-inadegwatezza ta’ l-entratura rizultanti, kif lamentata mill-attur). Mill-bqija*,* it-talba ta’ l-attur innifisha hija tronkata b’din id-data indikata fic-citazzjoni promotrici. Il-Qorti, bhala periti perizjuri, hija konvinta li f’dik id-data, il-blokk ta’ l-attur kien ghadu mhux *finished* tant li sahansitra fil-premessi ta’ l-istess Citazzjoni minnu pprezentata fis-7 ta’ Awissu 1991, l-attur jirreferi ghal “*spejjez zejda li l-attur* ***ikollu jbati biex ilesti l-istess proprjeta`*** *stante d-differenza ta’ prezzijiet ta’ kostruzzjoni u prezzijiet ohra”* (enfasi mizjud).

Illi ghalhekk jirrizulta li l-ghazla illi ghamel l-attur, fil-fatt, ma kienitx dik illi timminimizza d-danni. Huwa minnu illi kieku l-attur holoq entratura temporanja, xorta wahda, wara l-kuntratt ta’ tpartit, kien ser ikun kostrett illi jaghmel xogholijiet strutturali sabiex jirriloka l-entratura ghall-area rizultanti. Izda kwalunkwe dannu f’dan ir-rigward, illi ovvjament seta’ jigi reklamat minghand il-konvenuti, kien ikun ferm inqas minn dak minnu pretiz f’dawn il-proceduri – certament in kwantu jirrigwarda t-telf ta’ kirjiet mill-uzu tal-*flats* fil-blokk in kwistjoni ghal kwazi disa’ snin shah.

Illi minn dawn ir-rizultanzi johrog ukoll li bla ebda dubju ma hemm l-ebda ness ta’ kazwalita’ bejn id-danni allegati u l-agir tal-konvenut, u dan peress li dak li se mai setgha jikkawza d-danni lamentati mill-attur fl-azzjoni odjerna, kien biss l-agir tal-konvenut u allura l-hdax il-eccezzjoni qed tigi milqugha. L-istess jinghad dwar l-ghaxar eccezzjoni biss fis-sens li jekk l-attur soffra xi danni dawn ma kienux imputabbli lill-konvenut.

Illi dak kontenut fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur datata 15 ta’ Marzu 2011 (fol. 439) ukoll gie kkonsidrat minn din il-Qorti, izda fil-verita’ anke jekk wiehed in konsiderazzjoni biss dak hemm sottomess xorta wahda wiehed jikkonferma li kien l-agir tal-attur innifsu li kkawza d-danni minnu vantati u ghalhekk dan bl-ebda mod ma jista’ jwassal sabiex ikun hemm konkluzjoni differenti minn dik raggunta fir-rapporti kollha kkonsidrati f’din il-kawza, u min din id-decizjoni tal-Qorti.

Illi għalhekk abbażi tal-premess l-għaxar, il-ħdax u t-tnax l-eċċezzjoni tal-konvenuti qed jiġu milqugħa u t-t-talbiet attriċi qed jiġu miċħuda.

## III. KONKLUŻJONI.

Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeċiedi,** billi filwaqt li tiddikjara li l-ewwel eċċezzjoni diga` ġiet definittivament deċiża permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Jannar 1992, u għalhekk din il-Qorti ma hijiex ser tieħu l-ebda konjizzjoni ulterjuri tagħha, **u fil-waqt li tiċħad it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' eċċezzjoni tal-konvenut fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu datata 2 ta' Ottubru 1991 għaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet hawn deċiżi, u tiċħad it-tmien eċċezzjoni li l-azzjoni hija preskritta għaliex il-konvenut qatt ma indika l-artikolu tal-Liġi li fuqu kien qed jibbaża tali eċċezzjoni tiegħu, u fil-waqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tad-disa' eċċezzjoni għaliex in vista ta' dak hawn deċiż ma hemmx bżonn li l-istess tiġi deċiża, iżda tilqa' l-għaxar, il-ħdax u t-tnax-il eċċezzjoni in kwantu huma konsistenti ma' dak hawn deċiż, b'dan li qed tiċħad it-talbiet attriċi għaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet hawn deċiżi.**

**Bl-ispejjeż tat-tieni, it-tielet, ir-raba, il-ħames, is-sitt, is-seba', u t-tmien eċċezzjoni a kariġu tal-konvenut, u mill-bqija l-ispejjeż kollha l-oħra tal-kawża a kariġu tal-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------